# It-Teżina

Fl-aħħar sena tal-kors tal-BA (Unuri) fil-Malti, l-istudenti jiktbu teżina, proġett ta' riċerka li, minkejja l-qosor tiegħu, jaqbad kwistjoni u jistħarriġha fid-dettall. Kull teżina tkun il-frott ta' riċerka oriġinali u tagħti kontribut ġdid, kbir jew żgħir, lill-istudju tal-lingwa jew tal-letteratura Maltija.

Id-Dipartiment tal-Malti jagħtiha importanza kbira lit-teżina tant li jorganizza seminar annwali li matulu numru ta' gradwati friski jippreżentaw ir-riċerka tagħhom lill-istudenti tal-ewwel grad; jiġbor uħud mix-xogħlijiet li jkunu spikkaw f'din ir-rivista annwali; u minn dis-sena beda jagħti żewġ premjijiet għall-aħjar teżini. Il-Premju Ġużè Aquilina għall-aħjar teżina fil-Lingwistika ngħata lil Deborah Muscat li għamlet xogħol dwar l-aġġettivi li jaqdu funzjoni avverbjali, u l-Premju Oliver Friggieri għall-aħjar teżina fil-Letteratura ngħata lil Jean Paul Borg li ttratta l-vjolenza dokumentata bil-poeżija konfessjonali ta' *Erbgħin Jum* ta' Antoine Cassar.

Nawguraw li b'dawn l-inizjattivi l-istudenti tal-Malti jkomplu jimpenjaw ruħhom fil-kitba tat-teżina li hi opportunità mill-isbaħ biex, huma u jesploraw suġġett bir-reqqa, jiksbu għadd ta' ħiliet fundamentali għat-tarġa li jmiss.

Michael Spagnol
Diċembru 2022